MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 51/2011

**Island Farmhouses Ltd (C 25788)**

**Vs**

**Francis u martu Salvina konjugi Xiberras**

Il-Qorti,

Rat illi s-socjeta’ attrici ppremettiet :

1. Illi s-socjeta’ attrici hija proprjetarja ta’ diversi porzjonijiet raba’ maghrufa bhala ‘Ta’ Randu’, fil-limiti ta’ Sannat, Ghawdex, u in partikolari ta’ wahda minn dawn il-porzjonijiet raba’, maghrufa bhala ‘Ta’ Randu’, fil-limiti ta’ Sannat, Ghawdex, tal-kejl ta’ circa elf u tlett mija u sittin u hamsin punt hamsa metri kwadri (1356.5mk), fil-limiti ta’ Sannat, Ghawdex, konfinanti tramuntana ma’ beni ta’ Vitorja Galea, minn nofsinhar ma’ l-aventi kawza tal-kumpanija Tripod Investments Limited, u punent ma’ beni ta’ Michael Zammit Holdings Limited, liema proprjeta’ r-

rikorrenti kienu akkwistaw permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Maria Grima tad-disgha u ghoxrin (29) ta’ Jannar tas-sena elfejn u hamsa (2005), kopja tieghu annessa u markata IF 1, u kif ahjar murija u markata bil-kulur ahmar fuq il-pjanta annessa u markata IF 2;

2. Illi l-konvenut ghandu porzjon raba’ adjacenti ghar-raba’ proprjeta; tas-socjeta’ attrici kif fuq spjegat;

3. Illi l-linja divizorja bejn l-imsemmija proprjetajiet kienet fizikament delinejata u markata permezz ta’ hitan tas-sejjieh u qsami;

4. Illi ricentament il-konvenut vjolentement u klandestinament dahal fir-raba’ proprjeta’ tas-socjeta’ attrici, waqqa’ xi hitan tas-sejjieh, qala’ qsami kif ukoll tefa’ terrapien, materjal iehor, demel u hamrija fir-raba’ proprjeta’ tas-socjeta’ attrici, u permezz ta’ ingenji kbar kompla jiznatura l-istess raba’;

5. Illi, wara li sehh dan kollu, rrizulta wkoll illi l-konvenut okkupa parti mir-raba’ tas-socjeta’ attrici billi zeraghha;

6. Illi ghalhekk is-socjeta’ attrici kienet kostretta illi tintavola mandat ta’ inibizzjoni kontra l-konvenut sabiex twaqqfu milli jkompli jimmolestaha fil-proprjeta’ taghha,liema mandat igib in-numru 19/2011 li gie provvizorjament milqugh fis-sbatax (17) ta’ Mejju 2011 u definittivament milqugh fl-erbatax (14) ta’ Gunju elfejn u hdax (2011);

7. Illi minkejja l-imsemmi mandat, il-konvenut injora kompletament l-ordni ta’ din l-Onorabbli Qorti u rega’ dahal fir-raba’proprjeta’ tas-socjeta’ attrici, kompla jiznatura l-imsemmija raba’ u permezz ta’ ingenji kbar hasad iz-zergha u mballa l-istess zergha f’balal kbar tat-tiben, kif muri ahjar fir-ritratti annessi ma’ l-imsemmi mandat u markat Dokument IF 3 sa IF6;

8. Illi ghalhekk is-socjeta’ attrici kienet kostretta tintavola rikors kontra l-konvenut ta’ disprezz lejn l-awtorita’ ta’ din l-Onorabbli Qorti;

9. Illi l-konvenut ghadu sal-lum jitfa’ d-demel minn gol-proprjeta’ fejn ghandu l-bhejjem ghal gol-proprjeta’ tas-socjeta’ attrici u konsegwentement qieghed jidfen l-qsami u l-hitan tas-sejjieh li jiddelinejaw il-proprjeta’ tas-socjeta’ attrici minn dik tal-konvenut u li jiddemarkaw il-linja divizorja li tifred il-proprjeta’ tas-socjeta’ attrici minn dik tal-konvenut;

10. Illi dan l-agir jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tas-socjeta’ attrici;

11. Illi l-konvenut qed jirrifjuta li jispurga dan l-ispoll. Anzi ghall-kuntrarju kompla sfaccatament jimmolesta lis-socjeta’ attrici fil-proprjeta’ taghha.

Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici talbet lil din il-qorti:

i. tiddikjara illi l-agir fuq imsemmi da parti tal-konvenut jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin;
ii. konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss minn din l-Onorabbli Qorti huma jispurgaw l-ispoll minnu kommess;
iii. tawtorizza lis-socjeta’ attrici sabiex fin-nuqqas da parti tal-konvenuti hija taghmel l-istess xogholijiet a spejjez tal-konvenuti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-prezenti procedura u tal-mandat ta’ inibizzjoni numru: 19/2011.

Bir-rizerva ghal kull azzjoni spettanti lis-socjeta’ attrici ghad-danni u kwalunkwe azzjoni ohra skond il-ligi.

Rat li l-konvenuti gew debitament notifikati bir-rikors guramentat, bid-dokumenti u bl-avviz tas-smiegh izda huma naqsu li jipprezentaw risposta guramentata.

Rat li fis-27 ta’ Settembru 2011 il-konvenuti msejhin tlett darbiet ma dehrux. Semghet lil John Vella u ordnat li jigu allegati l-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 19/2011 fl-istess ismijiet u dakinhar il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-11 ta’ Novembru, 2011.

Rat li fis-27 ta' Ottubru, 2011 il-konvenut Francis Xiberras prezenta rikors u talab lill-qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u tawtorizzah jipprezenta risposta guramentata u dan peress li sostna li ma kienx gie notifikat bil-kawza.

Rat li l-qorti ordnat lill-partijet jidhru quddiemha fit-8 ta' Novembru fit-3.00p.m. sabiex dakinhar il-konvenuti jixhdu unikament dwar dak allegat minnhom fir-rikors tas-27 ta' Ottubru 2011.

Semghet bil-gurament lill-konvenut Francis Xiberras li ddikjara li m'ghandux idea tal-karta izda kkonferma l-indirizz tieghu.

Illi l-qorti in vista ta' dak li xehed il-konvenut u in vista wkoll tar-riferti a tergo fol 11 u fol 12 minn fejn jirrizulta li l-konvenuti gew notifikati fl-14 ta' Lulju 2011 u dawn l-atti thallew f'idejn Salvina Xiberras u peress li l-konvenut mhu bl-ebda mod jattakka dik ir-riferta, qieset li t-talba tal-konvenuti mhiex gustifikata u ghalhekk cahdet it-talba tal-konvenuti biex jipprezentaw risposta guramentata. F'dik is-seduta Dr Jean Paul Grech ghall-konvenuti talab li jinghata dritt li jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u akkordatlu zmien ghoxrin gurnata biex jipprezenta din in-nota bin-notifika lill-kontro-parti li jkollha dritt tirrispondi fl-istess terminu jekk ikun il-kaz. Il-Qorti ghalhekk issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza tal-11 ta' Novembru 2011 u ddifferiet il-kawza ghas-seduta tas-17 ta' Jannar 2012.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat l-atti allegati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn huwa xieraq li wiehed iqis xi aspetti legali tal-azzjoni li l-qorti ghandha quddiemha;

Illi l-azzjoni mressqa mill-atturi hija wahda possessorja li hija msemmija fl-artikolu 535 tal-Kodici Civili, ghal liema azzjoni japplika wkoll l-artikolu 791 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

F’kawza ta’ spoll jehtieg li jigu ppruvati tliet (3) elementi:

1) Possedisse
2) Spoliatum Fuisse
3) Infra bimestre deduxisse

Illi fuq skorta ta’ gurisprudenza kostanti jirrizulta li ‘materja ta’ din l-azzjoni,ma taghtix lok ghall-ebda indagni ohra barra dik li tistabilixxi : (a) il-fatt tal-pussess/detenzjoni u (b) il-fatt tal-ispoll... .... ... stante li din l-indagni hija wahda limitatissima rigoruza u skarna[1]’.

Illi din l-azzjoni ta’ spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba stat ta’ fatt, arbitrarjament u hija intiza unikament biex igieghel lill-konvenut li jerga’ jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha, u daqshekk biss.

Illi dwar l-ewwel element, il-pussess li huwa mehtieg li jintwera li, filwaqt li sar l-eghmil ilmentat, l-attur kien fil-pussess imqar materjali ta’ fatt. L-attur m’ghandux bzonn li jaghti prova li ghandu dritt ta’ proprjeta jew servitu’, jew titolu iehor fuq il-haga. Anzi hemm ir-rekwizit tal-pussess anki meta dak li huwa spoljat ghandu semplici detenzjoni ghalkemm tali pussess m’ghandux ikun ekwivoku, anzi ghandu jirrizulta li huwa manifest u dan fih innifsu huwa stat ta’ fatt u mhux wiehed ta’ mera tolleranza[2].

Illi dwar it-tieni element li jehtieg li jigi ppruvat fl-actio spolii, huwa li l-atturi effettivament gew spoljati mill-pussess taghhom. Irid jintwera li l-eghmil spoljattiv kien

---

[1] **Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone**, App. Civili deciza fid- 9 ta’ Marzu 1992
[2] **Paul Carbonaro vs Norman Dimech**, Cit Nru 632/98RCP deciza fit-12 ta’ Lulju 2001

wiehed arbitrarju u maghmul kontra r-rieda tal-possessur b'mod li jista' jaghti lok ghal azzjoni ta' danni kontra min wettqu. Huwa wkoll mahsub li l-eghmil irid ikun wiehed vjolenti jew imqar mistur mill-gharfien tal-persuna li kellha l-pussess. Gie mfisser li l-kliem *vis aut clam* li jirradikaw dan l-element tal-azzjoni mhux tabilfors jissarraf f'eghmil ta' tkissir jew qerda ta' oggett mizmum mill-attur jew li fih huwa jgarrab xi hsara fizika, ghaliex huwa bizzejjed li l-eghmil spoljattiv isir kontra r-rieda tieghu jew minghajr ma jithalla jintebah bih[3].

Illi dwar it-tielet element, il-ligi tiddisponi li l-azzjoni trid tigi proposta entro t-terminu ta' xahrejn mill-att spoljattiv. Dan iz-zmien hu meqjus bhala terminu ta' dekadenza. Dan il-fatt ghandu jigi pruvat mill-attur. Izda meta l-konvenut jeccepixxi li l-kawza saret *fuori termine* allura l-prova li l-kawza saret barra minn zmienha taqa' fuq l-istess konvenut.

Illi kif diga' inghad il-konvenuti huma kontumaci izda din bl-ebda mod ma tista' tigi interpretata bhala xi ammissjoni. Ghall-kuntrarju l-kontumacja hija wkoll opposizzjoni u ghalhekk din il-qorti xorta wahda trid tevalwa l-provi li s-socjeta' attrici pproduciet sabiex tipprova l-allegazzjonijiet minnha maghmula.

Illi *tornando* ghall kaz inkwistjoni, il-fatti saljenti huma s-segwenti:-

(i) Is-socjeta' attrici xtrat ir-raba' de quo fid-29 ta' Jannar 2005 in atti Dr Maria Grima.

(ii) John Vella, direttur tas-socjeta' attrici, spjega li meta nxtart l-art kien hemm il-hitan tal-qasma, ma kien hemm hadd go fiha u ma kien jahdimha hadd.

(iii) Il-proprjeta' tal-kumpannija u l-proprjeta' tal-konvenuti jmissu ma' xulxin.

---

[3] **Salvatore Grima et vs Emanuel Mallia**, Cit Nru 441/01JRM deciza fis-27 ta' Settembru 2002

(iv) Hekk kif is-socjeta’ attrici haditha f’idejha bdew jiffurmaw bicca triq u l-kumplament baqa’ raba’ mhux mahdum.

(v) Xi sena/ sena u nofs ilu bdew ix-xogholijiet tat-triq u John Vella kien imur regolari. B’hekk induna li din l-ghalqa inhadmet u l-hitan tas-sejjieh tal-qasma ma kinux hemmhekk u din saret ghalqa wahda ma’ tal-konvenut.

(vi) Illi dwar id-demel John Vella xehed li l-konvenut tefghu fil-proprjeta’ tieghu stess biss pero’ biex ikun jista’ jidhol go fiha bl-ingenji kbar irid jirriversja ghal fuq ir-raba’ tas-socjeta’ u dan ghadu hekk sal-lum.

(vii) John Vella mar ikellem lill-konvenut biex ighidlu li kellu johrog mill-ghalqa peress li ma kellu l-ebda drittijiet fuqha izda dan ma hariglux minn go fiha u dan nonostante li l-istess konvenut weghdu li kien se johrog minn go l-ghalqa’.

(viii) Ix-xhud spjega li dan kollu kien ftit jiem qabel ma gie pprezentat il-mandat ta’ inibizzjoni.

(ix) Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici prezentat mandat ta’ inibizzjoni. Fl-atti ta’ dan il-mandat, il-konvenut Francis Xiberras prezenta nota fejn iddikjara li ma jivvanta ebda drittijiet fuq ir-raba’ inkwistjoni. Waqt is-smigh l-avukat difensur ta’ l-intimat ghan-nom tieghu obbliga ruhu li la hu personalment u lanqas permezz ta’ terzi ma huma ser jimmolestaw lir-rikorrenti fil-pussess tal-art mertu tar-rikors. Il-Qorti laqghet it-talba tas-socjeta’ rikorrenti ghall-hrug tal-mandat.

Jehtieg ghalhekk jigi ezaminat jekk l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ghas-success ta’ din l-azzjoni gewx kollha sodisfatti.

Jirrizulta mix-xhieda ta’ John Vella li l-istess socjeta’ kellha l-pussess tar-raba’ *de quo*. Inoltre’ l-konvenuti fl-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni ddikjaraw li ma kienux se jimmolestaw lis-socjeta’ rikorrenti fil-pussess ta’ l-art mertu tar-rikors.

Dwar min ikkommetta l-allegat spoll, il-konvenuti fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom isostnu li ma ngabet l-ebda prova li dak li sehh kien attribbwibbli lilhom. Tennew li mir-ritratti prezentati mal-mandat ta’ inibizzjoni fl-ebda hin ma jidher Francis Xiberras li qieghed jaghmel xi azzjoni spoljattiva. Ikomplu li in sostenn tat-tezi tas-socjeta’ rikorrenti li sar xi att spoljattiv hemm biss id-diskors li John Vella jghid li allegatament qallu Francis Xiberras izda tali diskors ma jirrizultax ikkoroborat minn xhieda ohra jew minn evidenza cirkustanzjali. Ghalhekk skont il-konvenuti s-socjeta’ rikorrenti ma skarikatx l-oneru tal-prova rikjest minnha.

Illi l-konvenuti mhumiex korretti fis-sottomissjoni taghhom. Mill-atti processwali jirrizulta li John Vella bil-gurament tieghu spjega x’kien sab u x’intqal meta huwa kellem lill-konvenut. Kuntrarjament ghal dak sostnut mill-konvenuti x-xhieda ta’ John Vella hija korroborata minn dak li ddikjara l-konvenut stess fl-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni.

It-talba fir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni kienet sabiex l-intimat *‘personalment jew permezz ta’ terzi, bir-rigel u/jew bl-ingenji u jew bi kwalunkwe manjiera, mezz u/jew mod iehor tidhol u taccedi u/jew tghaddi u/jew taghmel kwalunkwe xogholijiet, ikunu ta’ liema natura jkunu, fir-raba’ maghrufa bhala ‘Ta’ Randu’, fil-limiti ta’ Sannat, Ghawdex, u in partikolari ta’ wahda minn dawn il-porzjonijiet raba’, maghrufa bhala ‘Ta’ Randu’, fil-limiti ta’ Sannat, Ghawdex, tal-kejl ta’ circa elf u tlett mija u sittin u hamsin punt hamsa metri kwadri (1356.5mk), fil-limiti ta’ Sannat, Ghawdex, konfinanti tramuntana ma’ beni ta’ Vitorja Galea, minn nofsinhar ma’ l-aventi kawza tal-kumpanija Tripod Investments Limited, u punent ma’ beni ta’ Michael Zammit Holdings Limited, liema proprjeta’ r-rikorrenti kienu akkwistaw permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Maria Grima tad-disgha u ghoxrin (29) ta’ Jannar tas-sena elfejn u hamsa (2005), kopja tieghu annessa u markata IF 1, u kif ahjar murija u markata bil-kulur ahmar fuq il-pjanta annessa u markata IF 2’.*

M’hemmx dubju li hawn si tratta ta’ l-istess raba’ u dan logikament ghaliex din il-kawza fil-fatt qeghda issegwi l-ilqugh tat-talba min-naha tas-socjeta’ rikorrenti ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni fil-konfront ta’ l-intimat. Kif diga’ inghad fl-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni l-konvenut obbliga ruhu li mhux se jimmolesta lis-socjeta’ attrici fil-pussess tal-art mertu tar-rikors. Il-konvenut rinfaccjat bl-allegazzjonijiet min-naha tas-socjeta’ rikorrenti ma qalx li huwa m’ghamel xejn minn dak allegat fil-konfront tieghu. Ghazel minflok li jipprezenta n-nota inkwistjoni.

Illi l-konvenuti  sostnew fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom li hemm dubju dwar kemm verament l-azzjoni ta’ spoll saret entro t-terminu ta’ xahrejn previsti mil-ligi. Dan peress li skont huma hemm diskrepanza bejn dak li qed jigi premess fir-rikors guramentat u dak li xehed John Vella fis-27 ta’ Settembru 2011. Huma komplew li fir-rikors guramentat jinghad li l-ewwel azzjoni spoljattiva mill-intimati kienet li waqqghu l-hitan tas-sejjiegh, qalghu l-qsami u tefghu terrapien u demel. Sussegwentement imbaghad jigi premess li l-intimati zerghu r-raba’ tas-socjeta’ attrici u li l-istess konvenuti imbaghad hasdu din iz-zergha. Huwa fatt risaput li z-zergha ma tikbirx malajr b’mod li tista’ tkun tinhasad fi ftit jiem. Il-konvenuti jirreferu ghar-ritratt Dok IF 5 fl-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 19/2011 juri kif qed nitkellmu fuq zergha li kibret sew u li ma jistax ikun li din kibret fi ftit jiem jew li kibret malajr x’hin se jibda l-istagun tas-sajf. Anzi din normalment tinzera’ f’Ottubru jew Novembru ta’ kull sena biex imbaghad tinqata’ ghall-habta ta’ Mejju jew Gunju ta’ wara. Allura bejn li nqala’ l-hajt tas-sejjiegh u l-qsami, inzerghet ir-raba’ u li inhasdet iz-zergha bilfors li kienu ghaddew aktar minn xahrejn.  Iz-zergha zgur li kienet inzerghet f’Ottubru jew Novembru tas-sena 2010 u allura l-hitan tas-sejjiegh u l-qsami bilfors li tnehhew qabel dawn ix-xhur. Ghalhekk mhux verosimili dak li xehed John Vella li twaqqiegh tal-hajt tas-sejjiegh u li l-bicca raba’ ghamilha bhala parti mir-raba’ tieghu saret ftit jiem qabel ma gie prezentat il-mandat ta’ inibizzjoni.

Illi din il-qorti tqis li s-socjeta’ attrici premettiet li l-ewwel sar it-twaqqiegh tal-hitan tas-sejjiegh, il-qala’ tal-qsami, it-

tfiegh tat-terrapien u materjal iehor u li permezz ta' l-ingenji kbar kien hemm znaturar tar-raba'. Hija kompliet **"Illi, wara li sehh dan kollu, rrizulta wkoll illi l-konvenut okkupa parti mir-raba' tas-socjeta' attrici billi zeraghha".** Fis-seba' paragrafu imbaghad kompliet **"Illi minkejja l-imsemmi mandat, il-konvenut injora kompletament l-ordni ta' din l-Onorabbli Qorti u rega' dahal fir-raba' proprjeta' tas-socjeta' attrici, kompla jiznatura l-imsemmija raba' u permezz ta' ingenji kbar hasad iz-zergha u mballa l-istess zergha f'balal kbar tat-tiben, kif muri ahjar fir-ritratti annessi ma' l-imsemmi mandat u markati Dokument IF3 sa IF6".** Ghalhekk huwa logiku li jinghad li wara li jkun hemm iz-zergha biex ikun hemm il-hsad mhix kwistjoni ta' xahrejn izda ta' diversi xhur. Ghalhekk ladarba gie premess u sostnut li t-twaqqiegh tal-hitan tas-sejjiegh, il-qala' tal-qsami, it-tfiegh tat-terrapien u materjal iehor u d-dhul bl-ingenji kbar sar qabel ma nzerghet parti mir-raba' dan ifisser zgur li x-xahrejn minn mindu gie kommess l-att turbattiv kienu ilhom li ghaddew mill-prezentata tal-kawza. Kif jirrizulta mill-atti din il-kawza giet prezentata fl-1 ta' Lulju, 2011. Is-socjeta' attrici ppremettiet li l-hsad sar f'Gunju, 2011. M'hemmx dubju li r-raba' inzerghet ferm aktar minn xahrejn qabel il-prezentata tal-kawza. Inoltre' jinghad ukoll li ghalkemm John Vella sostna li dan kollu sehh ftit jiem qabel il-prezentata tal-mandat ta' inibizzjoni x-xhieda tieghu ma gietx korroborata. Ghalhekk din il-qorti hija moralment konvinta li r-raba' nzerghet ferm qabel ix-xahrejn mill-prezentata tal-kawza u ghalhekk it-twaqqiegh tal-hitan tas-sejjieh, il-qala' tal-qsami, it-tfiegh tat-terrapien u materjal iehor u d-dhul bl-ingenji twettqu ferm qabel ix-xahrejn mill-prezentata tal-kawza. Ghalhekk inkwantu ghal dawn l-atti t-talba tas-socjeta' attrici ma tistax tintlaqa'.

Izda madankollu rrizulta li z-zergha nhasdet f'Gunju 2011 ghalkemm id-data preciza ma rrizultatx. Iz-zergha saret f'parti mir-raba' tas-socjeta' attrici u ghalhekk il-hsad sar fir-raba' tas-socjeta' attrici. Dan ifisser ghalhekk li meta l-konvenut dahal bl-ingenji ghall-hsad fir-raba' tas-socjeta' attrici u mballa l-istess zergha f'balal kbar tat-tiben huwa

kkommetta spoll. Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda dan l-att it-terminu rikjest mil-ligi gie sodisfatt.

Oltre' dan irrizulta wkoll li l-konvenut filwaqt li tefa' d-demel fir-raba' tieghu stess, pero' biex ikun jista' jidhol gor-raba' tieghu bl-ingenji kbar irid jirriversja ghal fuq ir-raba' tas-socjeta' attrici u dan kien ghadu hekk sa meta John Vella xehed.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq esposti din il-qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza, fil-kontumacja tal-konvenuti billi tilqa' talbiet tas-socjeta' attrici limitatament billi

(i) tiddikjara illi l-agir tal-konvenut meta dahal fir-raba' proprjeta' tas-socjeta' attrici, kompla jiznatura l-imsemmija raba' u permezz ta' ingenji kbar hasad iz-zergha u mballa l-istess zergha f'balal kbar tat-tiben; kif ukoll meta rriversja bl-ingenji kbar fir-raba' ta' l-istess socjeta' attrici jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin;

(ii) konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien hmistax-il gurnata (15) millum huma jispurgaw l-ispoll minnhom kommess billi johorgu mir-raba' li tappartjeni lis-socjeta' attrici u jirrintegraw lis-socjeta' attrici fil-pussess ta' l-istess raba'.

(iii) tawtorizza lis-socjeta' attrici sabiex fin-nuqqas da parti tal-konvenuti hija taghmel x-xoghlijiet necessarji a spejjez tal-konvenuti. Tirrizerva li jekk ikun hemm bzonn tinnomina perit tekniku sabiex ix-xoghol isir taht id-direzzjoni u supervizjoni tieghu.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-prezenti procedura u tal-mandat ta' inibizzjoni numru: 19/2011 jkunu inkwantu ghal terz (1/3) a karigu tas-socjeta' attrici u inkwantu ghar-rimanenti zewg terzi (2/3) a karigu tal-konvenuti inkwantu l-ilmenti tas-socjeta' attrici qeghdin jigu milqugha fir-rigward ta' uhud mill-ilmenti biss. Salv u impregudikat kwalsiasi dritt iehor li jista' ghandha s-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------